MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 1624/1992/1

**Alexander u Maria mizzewgin Gray Bannerman, Mhairi mart Melovan sive Emanuel Galea, Alexander, Andrew u George, ahwa Gray Bannerman, kif ukoll l-istess Maria Gray Bannerman bhala mandatarja ta' wliedha msiefrin Emanuel Ian, Morag mart Peter Calleja u l-istess Peter Calleja u Catriona, ahwa Gray Bannerman, lkoll bhala eredi ta' Leonard Angus Gray Bannerman, in-nisa miżewwġin debitament assistiti minn żwieġhom u b'nota tal-14 ta' Frar 1995 Catriona Gray Bannerman assumiet l-atti tal-kawża u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2001 il-ġudizzju ġie trasfuż fuq Maria Gray Bannerman stante il-mewt ta' żewġha l-attur Alexander Gray Bannerman, u b'nota tat-2 ta' Marzu 2006 Ian Gray Bannerman, Morag Calleja u żewġha Peter Calleja assumew l-atti tal-kawża stante li rritornaw Malta u Maria Gray Bannerman assumiet l-atti tal-kawża in rappreżentanza ta' Catriona mart Andrew Azzopardi u tal-istess Andrew Azzopardi peress illi huma assenti minn dawn il-gżejjer.**

**vs**

**John Camilleri u Joseph Camilleri f'isimhom proprju u okkorrendo l-istess John Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' "C.B.A. Oilfield Services Limited" (registrata C4371); u Rita Collict u l-istess John Camilleri bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' "C.B.A. Oilfield Services Limited" (registrata C7284) u b'dikriet tat-13 ta' Gunju 1995 Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Vera Lungaro Mifsud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapreżentaw l-eredita gjacenti ta' John Camilleri li miet fil-mori tal-appell u b'digriet tal-14 ta' Gunju 1996 Dr Tonio Mallia u il-PL Davina Sullivan ġew nominati kuraturi biex jirrapreżentaw lis-soċjetà CBA Oilfield Services Ltd u b'dikriet ta-26 ta' Frar 2004 Dr Tonio Mallia ġie sostitwit b' Dr Leslie Cuschieri.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni tal-atturi fejn gie premess:-:

Billi huma qraba u werrieta skond il-ligi tal-mejjet Leonard Angus Gray Bannerman li miet fit-13 ta' Frar 1984 fil-Libya, fil-kors ta' l-impieg tieghu mas-socjeta' C.B.A. Oilfield Services Limited (C4371), liema kumpanija giet registrata fil-21 ta' Frar 1979.

Billi l-mewt ta' Leonard Angus Gray Bannerman grat minhabba negligenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, u dan kif jirrizulta minn rapport tal-Espert Forensiku Dr. Anthony Abela Medici pprezentat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati fl-atti tal-inkjesta Magisterjali, fejn intqal:-

"Illi fl-opinjoni tal-esponent kien hemm negligenza assoluta da parti tad-dirigenti tal-Kumpanija C.B.A. Oilfield Services Limited li impjegaw haddiema u bieghu servizzi taghhom lil Kumpanija ohra minghajr ma hadu l-ebda

pass biex jassiguraw almenu l-minimu ammont ta’ ‘safety procedures’ rikjesti f’kull tip ta’ dan ix-xoghol.”

Billi l-konvenuti Camilleri proprio et nomine fil-11 ta’ April 1984 irregistraw mar-Registru tal-Kumpaniji avviz ta’ xoljiment tas-socjeta’ “C.B.A. Oilfield Services Limited” (C4371) b’effett mill-5 ta’ Marzu 1984, u ghaddew biex irregistraw kumpanija fl-istess isem “C.B.A. Oilfield Services Limited” (C7284) fl-20 ta’ Frar 1985, u dan manifestament in malafede u bil-hsieb li d-drittijiet ta’ l-atturi ghad-danni naxxenti mill-mewt li grat fit-13 ta’ Frar 1984 jigu eluzi.

Billi l-atturi ghandhom dritt ghad-danni kontrattwali u dawk naxxenti minn reat in kwantu l-agir tal-konvenuti huwa punibbli bhala negligenza kriminali.

Billi l-perjodu ta’ preskrizzjoni gie nterrott bi proceduri civili ohra li issa gew irtirati.

Billi l-konvenuti interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, baqghu inadempjenti.

Ghall-imsemmija ragunijiet l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, huma resposabbli ghall-incident li fih tilef hajtu Leonard Angus Gray Bannerman fil-kors tal-impieg tieghu fit-13 ta’ Frar 1984 fil-Libya minhabba negligenza kriminali, u tiddikjarhom ukoll responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi; li jigu likwidati d-danni hekk sofferti, jekk hemm bzonn permezz ta’ periti li jigu nominati u li l-konvenuti jigu kundannati “in solidum” bejniethom biex ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni u bl-imghax skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti propio et nomine et fejn gie eccepit:-

Preliminarjament l-azzjoni intavolata mill-atturi hija parenta ghat-tenur tal-Artikolu 2258 tal-Kodici Civili (Kap 23 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici kwantu kontra John Camilleri u Joseph Camilleri bhala stralcjarju tas-socjeta’ C.B.A. Oilfield Services Limited huma insostenibbli u irritwali barra li huma sfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Fil-mertu ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici kwantu diretti kontra Rita Collict u John Camilleri bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta’ C.B.A.Oilfield Services Limited huma insostenibbli u irritwali barra li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Gunju 1993 minn fejn jirrizulta minn fejn jirrizulta li l-konvenuti ddikjaraw li l-preskrizzjoni qed tigi eccepita a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux a bazi tal-artikolu citata fin-n0ota tal-eccezzjonijiet.. F’dan ir-rigward l-istess konveuti rrilevaw li li l-incident li fih il-vittima tilef ghajtu sehh fit-13 ta’ Frar 1984 mentri l-atturi ppresentaw l-ittra ufficjali fit-12 ta’ ta’ Gunju 1984 u in segwitu giet presentata citazzjoni fis-16 ta’ Settembru 1986.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Novembru 1993 li biha guet michuda l-ecezzjoni tal-preskrizzjoni ta sentejn kif ibbazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Rat li l-konvenuti intavolaw appell minn l-imsemmija sentenza.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-8 ta’ Gunju 1988 li bija gie michud l-appell tal-konvenuti.

Semghat lix-xhieda Lino Bugeja, Lazarus sive Leslie Mangion, is-Supretendent Carmelo Magro, l-Ispettur Paul Camilleri, John Camilleri (jr), Dr. Anthony Abela Medici, Joseph Formosa u Alfred Sultana lkoll prodotti mill-atturi.

Semghat lix-xhieda l-Avukat Generali tar-Repubblika Dr. Anthony Borg Barthet u l-imsemmi Leslie Mangion, Dr. Anthony Abela Medici u John Camilleri lkoll prodotti mill-konvenuti.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tral-atturi.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ulterjuri tal-atturi.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-kuratur deputat Dottor Leslie Cuschieri nomine.

Rat in-nota ta' sottomissjnijiet ulterjuri tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Din l-azzjoni qed issir minn l-omm u l-missier ta' Leonard Angus Gray Bannerman kif ukoll minn hutu, lkoll bhala l-eredi tieghu. L-imsemmi Leonard Angus Gray Bannermann miet f'incident waqt li kien qed jahdem fil-Libya fit-13 ta' Frar 1984 u dan fil-kors tal-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta C.B.A. Oilfield Services Limited. Meta Bannerman miet kellu ghoxrin (20) sena. Il-kawza qed issir kontra John Camilleri u Joseph Camilleri f'isimhom proprju u okkorrendo l-istess John Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' "C.B.A. Oilfield Services Limited" (minn issa msejjha "l-ewwel socjeta'"). Il-kawza qed issir ukoll kontra socjeta' ohra bl-istess isem cioe' "C.B.A. Oilfield Services Limited" (minn issa imsejjha "t-tieni socjeta'") u li giet registata mill-istess azzjonisti u

ghall-istess ghanijiet tal-ewwel socjeta'. Il-konvenut John Camilleri miet fil-mori tal-proceduri u ghalhekk gew nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-eredita' gjacenti tieghu. Gew ukoll nominati kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-ewwel socjeta' li taghha l-mejjjet John Camilleri kien direttu u sussegwentement l-istralcarju.

## Konsiderazzjoniet ta' fatt

L-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati responsabbli ghad-danni rizultanti mill-mewt ta' Leonard Angus Gray Bannerman. Dan tal-ahhar kien impjegat mas-socjeta CBA Oilfield Services Limited (l-ewwel socjeta'), li kienet ittella' nies sabiex jahdmu gewwa l-Libya. Ix-xogħol ta' dawn kien jikkonsisti fi skavar ta' valvi li kienu midfuna fl-art u fil-kostruzzjoni ta' kaxxex tal-konkos madwar dawn l-istess valvi. Fil-gurnata tal-incident fatali l-istess Leonard Angus Gray Bannerman fl-imkien ma certu Leslie Mangion kienu qed jippreparaw hofra sabiex imbaghad fiha jinstallaw "rebars." L-imsemmi Bannerman kien gol-hofra izomm ir-"reinforcing bar" u kif din ippenetrat is-saff tal-konkos laqghtet "high voltage cable" li fil-pront emetta kurrent qawwi. L-"overload protector" dak il-hin kellu jittripja u b'hekk jigi evitat li jkun hemm l-imsemmija emissjoni ta' kurrent, pero' dan ma sehhx u b'hekk, sfortunatament Leonard Angus Gray Bannerman sofra "high voltage shock" ta' 4160 volts b'konsegwenzi fatali.

L-atturi jattribwixxu din il-mewt ghal negligenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll ghall-inadempjenza kontrattwali minn naha tal-ewwel socjeta'. Il-konvenuti jissottomettu li l-azzjoni tal-atturi hi waħda mista, u ċioe' l-atturi qed jitolbu danni għab-bażi ta reat kriminali kif ukoll għab-bażi ta' inadempjenza kuntrattwali. Il-konvenuti jeccepixxu ukoll li l-azzjoni hi preskritta. L-azzjoni għab-bażi ta' negliġenza kriminali ġiet iddikjarata preskritta mill-Qorti tal-Appell li pero' specifikat li l-kawza setghet tissokta ghab-bazi tal-allegazzjoni l-ohra tal-atturi li kien hemm inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti. Inoltre l-konvenuti jispeċifikaw illi l-kuntratt tal-

impieg in kwistjoni kien gie ffirmat mill-ewwel socjeta’ u l-mejjet Leonard Agius Gray Bannerman, u kwindi l-istess konvenuti ssottomettew u talbu li l-konvenuti kollha, apparti l-ewwel socjeta’, kellhom jigu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Inoltre l-konvenuti jsostnu li ma jirriżulta ebda ksur tal-imsemmi kuntratt minn naha taghhom..

Jirrizulta li l-ewwel socjeta’ kienet hadet sub-appalt biex tissuppplixxi haddiema lid-ditta Occidental of Libya, Inc. B’hekk l-ewwel socjeta’ kienet tibghat haddiema Maltin, impjegati tagħha, biex jaghmlu xoghlijiet fil-Libja. Wahda mis-sottomissjonijiet tal-atturi hi li l-ewwel socjeta’ naqset milli tassigura s-sahha u l-hajja tal-haddiema taghha.

Da parti taghhom il-konvenuti jgħidu li l-ewwel socjeta’ kienet tforni haddiema, għodod, impjantu u materjali lill-imsemmija ditta, pero’ ma kienitx tesegwixxi x-xogħol. Kienet l-imsemmija ditta li kienet tesegwixxi x-xogħolijiet pero’, hu minnu, bl-impjegati fornuti mill-ewwel socjeta’. Inoltre, dejjem skond il-konvenuti, l-“Fire and Safety” experts kienu jigi impjegati mill-imsemmija ditta barranija. Jissottoettu ukoll li l-ewwel socjeta’ ma setgħetx tagħmel assigurazzjoni u lanqas ma kellha ebda obbligu kuntrattwali li tagħmel tali assigurazzjoni stante li fil-kuntratt tal-impieg mal-mejjet ma kienx imnizzel l-obbligu li b’xi mod jassiguraw kontra dak li eventwalment sehh (vide fol.19)..

Jirrizulta li l-ewwel socjeta’ giet registrata fil-21 ta’ Frar 1979 u giet xolta fil-5 ta’ Marzu 1984, tant li gie ukoll nominat stralcarju. Sussegwentament fl-20 ta’ Frar 1985 il-konvenuti irregistraw kumpanija oħra bl-istess isem ta’ “C.B.A. Oilfield Services Limited” bin-numru ta’ registrazzjoni C7284 (Dok.TAD). Il-konvenuti kkonfermaw (fol.167) li l-ewwel socjeta’ giet xolta ghal ragunijiet ta’ taxxa. In vista tal-fatti kif irrizultaw hu difficli li din l-asserzjoni titwemmen. Hu iktar verosimili li l-ewwel socjeta’ giet xolta biex l-istess socjeta’ tipprova tahrab mir-responsabilitajiet taghha in segwitu ghall-incident in kwestjoni.

Skond l-atturi hemm ragunijiet validi fil-ligi sabiex ir-responsabbilta` legali tinfirex ukoll fuq it-tieni socjeta' kif ukoll fuq il-konvenuti l-ohra personalment.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

Kif gia rilevat u kif iddeciedit il-Qori tal-Appell, il-presenti hi azzjoni mista in kwantu l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni a bazi ta' negligenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, u dan ukoll kif specifikat fil-premessi fic-citazzjoni. L-azzjoni qed issir ukoll a bazi ta' danni kontrattwali naxxenti minn kuntratt ta' impieg bejn l-ewwel socjeta` u l-mejjet Leonard Angus Gray Bannerman.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidit, b'mod definittiv, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ibbazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u dana bis-sentenza tat-8 ta' Gunju, 1998 fejn l-appell tal-konvenuti gie michud u fejn l-azzjoni tal-atturi, kif ibbazata fuq l-allegazzjoni li d-danni gew kkawzati mhux b'reat kriminali, hi estiinta. F'dan ir-rigward gie deciz nill-Qorti tal-Appell, fl-imsemmija sentenza, li - "Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-att tac-citazzjoni u ssib li ma tistax pero taqbel mal-appellant proprio et nomine {il-konvenuti) li l-azzjoni kif tentata hi purament wahda ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita delittwuza jew kwazi delittwuza li twassal ghal-likwidazzjoni tal-kundanna ghall-hlas ta' danni hekk imsejha akwiljani. Infatti l-azzjoni hi kjarament wahda mista in kwantu l-atturi appellati qeghdin jittantaw jitolbu mill-Qorti l-likwidazzjoni ta' danni minnhom pretizi kemm a bazi ta' negligenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, kif specifikat fil-premessi, kif ukoll a bazi ta' danni kontrattwali naxxenti minn kuntratt ta' impieg……."

Il-Qorti tal-Appell kompliet tikkonsidra, fl-istess sentenza, li l-premessa principali fl-att tac-citazzjoni hi illi l-atturi "ghandhom dritt ghad-danni kontrattwali u dawk naxxenti minn reat in kwantu l-agir tal-konvenuti huwa punibbli ghan-negligenza kriminali. F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta fejn l-azzjoni hi mista u bazata fuq premessi differenti tendenti ghall-istess ezitu, jkunu applikabbli zewg termini

preskrittivi li jolqtu responsabilitajiet differenti tad-debitu fil-konfront tal-kreditur. Ma hemmx allura dubju illi dik il-parti ta' l-azzjoni li hija mpernjata "ex contractu" u li fiha l-atturi nomine qeghdin jippretendu li ghandhom dritt li jigu rizarciti ghal xi danni konsegwenzjali ghall-inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta konvenuta, ma tistax titqies li hi milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili li fir-rigward ta' din il-parti tal-azzjoni ma tirrizultax li hi applikabbli. Dan ma jfissirx pero' illi tali perjodu preskrittiv ma jistax ikun applikabbli ghal dik il-parti ta' l-azzjoni fejn l-atturi qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom fuq agir delittwuz jew kwazi delittwuz. Taħt dan l-aspett allura tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn u l-azzjoni ghandha titqies li hi estinta. Naturalment iz-zewg faccati ta' l-azzjoni ghandhom jibqghu jinzammu separati u distinti u fil-kaz taht ezami ghandha titqies li giet salvata dik il-parti tal-azzjoni li hi bazata fuq ir-rizarciment ta' danni kontrattwali fejn allura l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali."

Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeciedit li din l-azzjoni tal-atturi hi wahda mista u li l-azzjoni, kif ibbazata fuq danni naxxenti minn agir delittwuz jew kwazi delittwuz, hi estinta. Il-kawza pero' kellha tissokta a bazi tad-danni "ex contrattu." cioe' danni naxxenti mill-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti. Fdan ir-rigward l-ewwel eżami li ser issir huwa jekk tirriżultax mill-provi l-inadempjenza kuntrattwali li qed jallegaw l-atturi, u sussegwentement jigi esaminat min mill-konvenuti għandu jinżamm responsabbli għal tali inadempjenza kuntrattwali.

Jirriżulta mid-dokument li jinsab fol.19 li l-imsemmi kuntratt ta' impieg gie ffirmat minn l-ewwel socjeta' u mill-mejjet Leonard Bannerman. B'dan il-kuntratt Bannerman aċċetta li jaħdem għall-ewwel socjeta' taht il-kondizzjonijiet u termini kollha kif kontenuti fl-istess kuntratt. Fl-opinjini tal-Qorti l-imsemmi kuntratt għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' kuntratt iehor u cioe' dak li kopja tieghu tinsab esibita a fol.206, u minn fejn jirriżulta illi l-ewwel socjeta' kellha ftehim mad-ditta barranija Occidental Libya li bih l-istess l-ewwel socjeta' intrabtet li tforni lil ditta nies u materjal għax-xogħol. F'dan il-ftehim,

fost obbligi ohra, l-ewwel socjeta' intrabtet li tikkonforma mal-ligijiet tax-xoghol kif aplikabbli fil-Libya u, aktar importanti, li tohrog assigurazzjoni msejjha "Workmen Compensation Insurance" fir-rigward tal-haddiema kollha taghha li jinbghatu l-Libya. Fl-istess ftehim gie ukoll specifikat li il-haddiema tal-ewwel socjeta' ma kellhomx jitqiesu bħala impjegati tad-ditta barranija.

Il-paragrafu 7 tal-imsemmi ftehim bejn l-ewwel socjeta u d-ditta estera jipprovdi - "Unless waived by company, contractor shall keep in force during the performance of this Contract, the following minimum insurance ….." Kwindi jirriżulta li l-ewwel socjeta' kienet obbligata li tassigura l-haddiema taghha sal-limiti stipulati fl-istess paragrafu 7 (fol 206). Nonostante din il-klawsola jirrizulta li l-ewwel socjeta' ma hargitx tali polza tal-assigurazzjoni. F'dan ir-rigward xhud prodott mill-konvenuti (fol.201) isostni li tali assigurazzjoni, cioe' kontra korriment jew mewt, ma jsirux fil-Libja. Dan bl-ebda mod ma gie korroborat. Inoltre tali assersjoni ma tistax titqies li hi verosimili u dan in vista tal-fatt illi jirruizulta li l-ewwel socjeta' aċċettat dan l-obbligu fil-ftehim mad-ditta barranija. Effettivament ma jidhirx li hemm gustifikaazzjoni għan-nuqqas tal-ewwel socjeta' li tonora l-obbligu tagħha fejn accettat li tohrog assigurazzjoni.

Ghal din il-Qorti, l-konvenuti mhux korretti meta jissottomettu li l-ewwel socjeta' ma kellha ebda obbligu kontrattwali mal-mejjet Bannerman li dan ikun kopert minn assigurazzjoni. Evidentement il-kuntratt tal-impieg bejn l-ewwel socjeta' u l-mejjet ġie iffirmat in konsegwenza tal-ftehim li sar bejn l-istess l-ewwel socjeta' u d-ditta estera. L-ewwel socjeta' ma setghatx tesonera ruhha mill-obbligu tagħha li jemani mill-ftehim mad-ditta estera. Ovvjament Bannerman kien milqut mill-ftehim bejn l-ewwel socjeta' u d-ditta Occidental u b'hekk jista jinghad li Bannerman kellu d-dritt li jigi assigurat. Lewwel socjeta' kellha tohrog assigurazzjoni li tkopri l-haddiema kollha taghha inkluz il-mejjet Bannerman. Inoltre jirrizulta (fol.16) li, effettivament, l-ewwel socjeta' thallset mid-ditta estera biex tipprovdi l-assigurazzjoni in kwestjoni. Fil-fatt jirrizulta li l-istess ditta estera rrimarkat mal-ewwel socjeta' - "I

regret that I am not able to be of further assistance, however, I am sure you will understand that Occidental cannot accept responsibility where it has specifically contracted for and paid others to take such responsibility."

Kwindi, meta kien fis-seħħ l-obbligu tal-ewwel socjeta' li tohrog assigurazzjoni, l-istess socjea' ngaggat lill-mejjet Leonard Angus Gray Bannerman, pero' mingħajr ma ipprovdiet l-assigurazzjoni. Konsegwentement l-ewwel socjeta' għandha titqies li hi responsabbli għall-fatt li l-assigurazzjoni ma nhargitx. Hawnhekk l-ewwel socjeta' ma agixxiet bid-diliġenza tal-"bonus pater familias" u naqset serjament meta ma assiguratx il-hajja tal-haddiema taghha, liema ħaddiema kienu ser jaghmlu xoghol fid-dezert il-Libya, liema xoghol, min-natura tieghu, huwa xogħol perikoluz u riskjuz.

Apparti dan kollu, jibqa' l-fatt li l-ewwel socjeta' obbligat ruhha li tipprovdi assigurazzjoni, pero'sussegwentement naqset milli twettaq tali obbligazzjoni, bil-konsegwenza li ħalliet lill-mejjet mingħajr ma kien kopert b'assigurazzjoni. Li kieku kellu jintlaqa' l-argument tal-ewwel socjeta' li m'għandhiex tinżamm responsabbli għan-nuqqas tagħha illi toffri polza ta' assigurazzjoni, ifisser illi l-ewwel socjeta' tkun qed titħalla tgawdi minn nuqqas taghha li twettaq obbligu li volontarjament daħlet għalih. B'hekk ukoll l-ewwel socjeta' tkun qed titpoġġa f'posizzjoni li ma jkollha bżonn tirrispondi lil ħadd għal tali nuqqa tagħha.

Jirrizulta ukolll li ll-haddiema tal-ewwel socjeta' ma gewx informati u ma ingħatatilhomx spjegazzjoni ta' x'kienet tfisser pjattaforma oranġjo u ċioe li fejn kien hemm pjattaforma tal-imsemmi kulur kien hemm "high voltage cable" midfuna. Inoltre nuqqas iehor tal-ewwel socjeta' kien li hi ma bagħatitx "safety officer" fuq ix-xoghol cioe' fejn kienu qed jahdmu l-haddiema taghha. F'dan ir-rigward ma tirrizultax sufficentement dak li sostniet l-ewwel socjeta' li s-safety officers kienu responsabilita' tad-ditta estera. Ghalhekk jirrizulta li l-ewwel socjeta' ghandha tirrispondi ghat-talba tal-atturi rigwardanti d-danni kontrattwali.

L-atturi qed jiccitaw lill-konvenuti John Camilleri (li miet fil-mori tal-kawża) u Joseph Camilleri f'isimhom proprju, lill-istess John Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' "C.B.A. Oilfield Services Limited" cioe' l-ewwel socjeta Qed jiccitaw ukoll lit-tieni socjeta'. Fost il-konvenuti hemm kuraturi deputati li qed jirrappresentaw lill-eredita' gjacenti tal-imsemmi mejjet John Camilleri kif ukoll kuraturi deputati li qed jirrappresentaw lill-ewwel socjeta'.

Dwar ir-responsabilita ta' John Camilleri (illum mejjet) u ta' Joseph Camilleri f'isimhom proprju, jigi rilevat li l-kumpanija CBA Oilfield Services (l-ewwel socjeta') ġiet xolta xahar biss wara l-inċident fatali in kwestjoni li fih miet Leonard Angus Gray Bannerman. Sussegwentament, l-istess diretturi iffurmaw kumpanija oħra, addirittura bl-istess isem, iżda ovvjament bin-numru ta' reġistrazzjoni differenti, bil-għan li ggestixxi l-istess negozju illi kienet iggestixxi l-ewwel socjeta'. "Ma kien hemm l-ebda differenza bejn l-ewwel kumpanija u t-tieni kumpanija, fis-sens illi kien hemm l-istess azzjonisti u l-istess diretturi." (deposizzjoni ta' John Camilleri tal-15 ta' April 2003 - pagna 2). Kwindi għab-bażi ta' dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma, fuq bażi ta' probabilita', kif del resto hu rikjest fil-kamp civili, li x-xoljiment tal-ewwel socjeta' sar biex tigi evitata r-responsabilita' tal-istess socjeta' fir-rigward tal-incident in kwestjoni. Dan kien tentattiv biex l-ewwel socjeta' ma thallax id-danni relattivi ghall-istess incident. Kwindi l-aġir tad-diretturi tal-ewwel socjeta' kien intiz biex l-ewwel socjetra' tittanta tahrab mir-responsabilitajiet taghha. Dan l-agir ghandu jitqies li hu wiehed frawdolenti intiż biex ikun ta' dannu ghall-kredituri tal-istess socjeta'.

Id-diretturi ta' socjeta' kummercjali ma għandhomx jitħallew jagħmlu atti bhal dawn li huma ta' hsara għall-kredituri tal-istess socjeta'. Meta l-ewwel socjeta' giet xolta xahar biss wara li ġara l-inċident, il-kredituri tagħha, fosthom l-atturi, sabu ruhhom fil-posizzjoni li ma kien hemm xejn fuq xix jikkawtelaw jew jesegwixxu l-eventwali krediti tagħhom, appuntu stante li l-kumpanija giet xolta. F'dan ir-rigward lanqas ma jirrizulta li nghata bidu lill-

proceduri li kellhom iwasslu sabiex is-socjeta’ tigi “wound up” u kwindi definittavament tigi kancellata mir-registru relattiv. Dan kollu hu ukoll indikattiv ta’ agir abusiv tal-azzjonisti u tad-diretturii tas-socjeta’ in kwestjoni.

F’sentenza datata 12 ta' Ottubru, 2007, citazzjoni Numru. 25/2003, fl-imijiet “Dr Andrew Borg Cardona nomine vs Price Club Holdings Limited” il-Qorti qalet::- “Hu accettat, pero’, fid-duttrina u fil-gurisprudenza, li f’kaz li jirrizulta abbuz ta’ din ir-responsabilita’ limitata, il-Qorti ikollha l-poter thares wara dik il-limitazzjoni u zzomm lill-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-kumpanija personalment responsabbli ghal-konsegwenzi li jirrizultaw mill-agir tal-kumpanija..”

Una volta li ġie stabbilit illi l-aġir tad-diretturi tal-ewwel socjeta, meta xoljew l-ewwel socjeta, xahar biss wara li ġara l-inċident fatali mertu ta’ din il-kawża, kien frawdolenti u kien aġir abbużiv, intiż biss sabiex il-kredituri atturi jitqieghdu fil-posizzjoni li s-socjeta’ li hi resposabbli li thallas id-danni minnhom sofferti waqfet milli tinnegozja u b’hekk ma jkunx hemm fuq xix jesegwixxu l-istess kreditu tagħhom. Dan hu aġir illegali li jwassal għat-tneħħija tal-“corporate veil.” Kwindi id-diretturi personalment ghandhom jigu ritenuti responsabbli versu l-atturi ghall-hlas tad-danni sofferti bhala konsrgwenza tal-incident in kwestjoni.

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali, din il-Qorti ser tibbaza fuq dak li jipprovdi l-kuntratt li jinsab a fol.206, cioe’ l-ftehim li gie ffirmat mill-imsemmija ditta estera u l-ewwel socjeta’ u fejn giet specifikata is-somma li ghandha tinghata bhala kumpens għall-“bodily injury” u dan kellu jkun sa LYD 35,000 ghal kul haddiem. Fil-kaz in ezami pero’ il-vittima cioe’ Bannerman ma sofriex biss “bodily injury” pero’ miet fl-incident in kwestjoni u kwindi l-kumpens ghandu almenu jirdoppja u ghalhekk ghandu jkun mhux inqas minn sebghin elf dinars libjani, li fiz-zmien in kwestjoni kienu meqjusa li kienu ekwivalenti ghal sebghin elf liri maltin li illum jissarfu f’mija tlieta u sittin elf u mitt euro (€163100). F’dan ir-rigward ghandhom ukoll

jigu konsidrati c-cirkostanzi specjali tal-kaz fosthom li l-vittma kellu ghoxrin sena meta sehh l-incident u tilef hajtu. Kwindi d-danni sofferti ser jigu kalkolati “arbitrio boni viri” li jammontaw ghal mitejn elf euro (€200000).

Huma l-imsemmija John Camilleri u Joseph Camilleri flimkien li ghandhom jigu dikjarati li huma unikament responsabbli ghad-danni in kwestjoni. Fil-kaz ta’ John Camilleri li miet fil-mori tal-kawza huma responsabbli, ovvjament mhux personalment, il-kuraturi deputati li gew nominati biex jirrappresentaw l-eredita’ gjacenti tal-istess John Camilleri. B’hekk ukoll il-konvenuti l-ohra ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi fl-ewwel lok trichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tiddikjara lill-konvenuti Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Vera Lungaro Mifsud li b’dikriet tat-13 ta’ Gunju 1995 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapreżentaw l-eredita gjacenti tal-konvenut John Camilleri li miet fil-mori tal-kawza u lill-konvenut Joseph Camilleri personalment, fl-imkien resposabbli ghall-incident li fih tilef hajtu Leonard Angus Gray Bannerman fil-kors tal-impieg tieghu fit-13 ta’ Frar 1984 fil-Libya u dan minhabba inadempjenza kontrattwali u b’hekk tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi. Tillikwida, arbitrio boni viri d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’ mitejn elf euro (€200000) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni. Tikkundanna lill-istess konvenuti “in solidum” bejniethom biex ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati. Il-konvenuti l-ohra kollha qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kolha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti ad eccezzjoni tal-ispejjez tal-konvenuti li gew liberati liema spejjez jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------